MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1925/2005

**Talba Nru: 1925/05VGD**

DHL International Limited.

Vs

BDO Attard, Buttigieg, Psaila and Co.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm95.50c) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' garr internazzjonali fuq struzzjonijiet tal-konvenut, liema servizz inghata izda l-ammont mitlub baqa ma thallasx mill-konvenut li gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti. Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tad-ditta konvenuta BDO Attard, Buttigieg, Psaila and Co., fejn gie eccepit illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut ghaliex is-socjeta' attrici naqset gravement mill-adempjenza kuntrattwali taghha fis-sens li d-dokumenti waslu ferm tard b'konsegwenzi serji u ghall-liema qed issir d-debita rizerva tad-danni. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Gilbert Grima prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Robert Buhagiar prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Buttigieg prodott mid-ditta konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

**Ikkonsidra.**

Illi Gilbert Grima in rapprezentanza tas-socjeta' attrici xehed illi l-ammont ta' Lm95.50c mitlub fl-Avviz jirrigwarda sitt (6) 'shipments' differenti li saru minnha fuq struzzjonijiet tad-ditta konvenuta. L-ammont oringinali li kien dovut lis-socjeta' attrici minghand id-ditta konvenuta ghal dawn is-sitt (6) 'shipments' kien ta' Lm113.60c, izda peress li 'shipment' minnhom kien gie mitluf minn-naha tas-socjeta' attrici, din ta' l-ahhar kienet harget 'credit note' fil-31 ta' Marzu 2003 ghall-ammont ta' Lm18.20c li kien jirrifletti l-ammont dovut ghal dak ix-'shipment' mitluf, biex b'hekk l-ammont dovut mid-ditta konvenuta ammonta ghal Lm95.50c. Madankollu huwa spjega li l-ammont ta' Lm95.50c baqa ma thallasx mid-ditta konvenuta.

Illi mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici jidher car li s-sitt 'shipments' in kwistjoni, li ghalihom qed jintalab il-hlas, saru kollha f'dati differenti fi Frar tas-sena 2003, u li l-ahhar 'shipment' minn dawn is-sitta huwa dak li sar fis-27 ta' Frar 2003, liema 'shipment' kien gie mitluf u ghalhekk

inharget il-‘credit note’ ta’ Lm18.20. Dan kollu gie konfermat anki mix-xhud Robert Buhagiar.

Illi minn-naha tieghu, Carmel Buttigieg bhala rapprezentant ta’ BDO Attard, Buttigieg, Psaila and Co., spjega illi d-ditta konvenuta hija ‘audit firm’ li tahdem hafna ma klijenti internazzjonali u li ghalhekk is-servizzi tas-socjeta’ attrici kienu jintuzaw ta’ spiss. Huwa spjega li alavolja gieli nqalghu problemi mas-socjeta’ attrici fil-kaz in ezami l-problema li nqalghet kienet wahda serja ghaliex kellhom jintbaghtu xi dokumenti importanti lil xi avukati Taljani, u dawn id-dokumenti kellhom jasslu l-Italja definittavament sal-10 ta’ Marzu 2003. Ghalhekk fis-27 ta’ Frar 2003 id-dokumenti in kwistjoni kienu ntbaghtu l-Italja permezz tal-‘courier service’ tas-socjeta’ attrici. Gara pero li dawn id-dokumenti qatt ma wasslu gewwa l-Italja u ghalhekk kellhom isiru arrangement sabiex jintbaghtu sett iehor ta’ dokumenti mill-gdid. Dawn id-dokumenti regghu intbaghtu l-Italja permezz tas-servizz tas-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Marzu 2003 izda wasslu l-Italja fil-11 ta’ Marzu 2003 bil-konsegwenza li wasslu tard wisq, u ghalhekk ma kienu jiswew xejn f’dak l-istadju.

Ix-xhud Carmel Buttigieg jikkonferma li s-socjeta’ attrici kienet skuzat ruhha ghall-konsenja tas-27 ta’ Frar 2003 li qatt ma waslet fid-destinazzjoni taghha, tant hu hekk illi tat ‘credit note’ lil ditta konvenuta ghal din il-‘shipment’ mitlufa.

L-istess xhud jikkontendi fix-xhieda tieghu illi d-ditta konvenuta kellha tinghata ‘credit note’ mhux biss ghax-‘shipment’ tas-27 ta’ Frar 2003 li qatt ma wasal, izda anki ghal dik sussegwenti li waslet tard wisq (u cioe dik tas-7 ta’ Marzu 2003).

Skond ix-xhud Buttigieg, b’konsegwenza ta’ dan kollu, d-ditta konvenuta kienet inkorriet diversi spejjez, specjalment dawk li ghandhom x’jaqsmu ma telefonati li kellhom isiru sabiex jigu ntraccati d-dokumenti u x-‘shipments’ in kwistjoni. Apparti dan ir-relazzjoni bejn id-ditta konvenuta u l-klijent barrani kienet thassret sa certu punt. Madankollu x-xhud spjega li ma saret l-ebda kontro-

talba ghad-danni sofferti u li d-ditta konvenuta kienet sempliciment talbet lis-socjeta' attrici sabiex tirrinunzja ghal dak dovut lilha in vista tal-fatt li b'konsegwenza tan-nuqqasijiet taghha, d-ditta konvenuta kienet soffriet danni kbar.

Illi d-ditta konvenuta qed tikkontesta l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici a bazi tal-fatt illi (i) alavolja in-nuqqas ta' konsenja kienet fir-rigward ta' zewg 'shipments' minn sitta, hija inkorriet hafna spejjes u danni minhabba dan in-nuqqas, u (ii) illi hija tippretendi li tinghata 'credit note' anki ghal dak il-'shipment' li wasal tard li skond hi, s-socjeta' attrici xorta wahda inkludiet fit-talba taghha.

Illi t-Tribunal fl-ewwel lok josserva li alavolja d-ditta konvenuta qed issostni li hija inkorriet hafna spejjes u danni b'konsegwenza tan-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici, xorta wahda ma saret l-ebda kontro-talba f'dan is-sens. Xhur wara li giet ipprezentata din il-kawza, d-ditta konvenuta kienet baghtet ittra lis-socjeta' attrici (Dok. 'PJG 4') datata 27 ta' Frar 2006 fejn gie dikjarat illi '*the cost of correspondence and telecommunications and consequential losses incurred for non delivery of package – AWB number 6148573163 on 27/02/03 and later delivery of replacement package – AWB number 6148678653 collected on 7/03/03 and delivered on 11/03/03, in spite of our having insisted with you on the urgency of the matter that delivery should have been effected latest on 10/03/03'* kien jammonta ghal Lm3540.00 (inkluz VAT!).

Illi fin-nuqqas ta' tali kontro talba, u fin-nuqqas ta' provi in sostenn tal-istess, it-Tribunal mhuwiex f'pozizzjoni li jiddetermina u jiddikjara x'kienu l-ispejjes fattwali inkorsi mid-ditta konvenuta bhala konsegwenza tan-nuqqasijiet da parti tas-socjeta' attrici, bhal per ezempju, spejjes ta' telefonati, faxes u ittri.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser ikollu jillimita ruhhu li jezamina biss jekk l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwiex dovut jew le.

Illi johrog car mill-provi illi alavolja kienu saru sitt (6) ‘shipments’ li l-prezz taghhom kien jammonta originarjament ghal Lm113.60c, minhabba li l-ahhar ‘shipment’ tas-27 ta’ Frar 2003 kien intilef, kien inghata ‘credit note’ ta’ Lm18.20 lid-ditta konvenuta u l-ammont dovut gie ridott ghal Lm95.50c (alavolja se mai kellu jkun ridott ghal Lm95.40c). Ghalhekk s-socjeta’ attrici effettivament qed titlob il-hlas ta’ hames ‘shipments’ li kollha saru minghajr problemi ta’ xejn. Dan il-fatt ma giex kontestat.

Illi rigward il-‘shipment’ tas-7 ta’ Marzu 2003 li gie kkonsenjat tardivament fil-11 ta’ Marzu 2003 (AWB 6148678653) li d-ditta konvenuta qed tikkontendi illi ghandha tinghata ‘credit note’ ghaliha ukoll, it-Tribunal josserva illi mkien mill-atti ma jirrizulta li s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ din il-‘shipment’ fit-talba odjerna taghha. Skond id-dokument ‘Dok. RB2’ jidher car li s-sitt ‘shipments’ li qed jintalab il-hlas taghhom, kollha saru fi Frar tal-2003, u l-ahhar wahda hija dik tas-27 ta’ Frar 2003.

Ghalhekk d-ditta konvenuta m’ghandhiex ragun tghid li s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ din il-‘shipment’ tas-7 ta’ Marzu 2003 fl-Avviz, ghaliex dan assolutament ma jirrizultax. B’hekk gjaladarba lanqas biss qed issir it-talba ghall-hlas ta’ din il-‘shipment’, t-Tribunal ma jistax jaghmel ebda dikjarazzjoni fir-rigward ta’ l-istess.

Fl-ahharnett, skond id-dokument Dok. RB2, jidher li l-ammont originarjament dovut lis-socjeta’ attrici ghax-‘shipment’ tas-27 ta’ Frar 2003 kien dak ta’ Lm18.80c, u ghalhekk it-Tribunal jifhem li l-‘credit note’ li nghata lid-ditta konvenuta kellu jkun ta’ Lm18.80c u mhux Lm18.20. Jirrizulta ghalhekk li l-ammont li huwa dovut lis-socjeta’ attrici mid-ditta konvenuta huwa dak ta’ Lm113.60c – Lm18.80c, u cioe Lm94.80c

Illi ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mid-ditta konvenuta, jilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lid-ditta konvenuta BDO Attard, Buttigieg, Psaila and Co

thallas is-somma ta' erba u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm94.80c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mid-ditta konvenuta BDO Attard, Buttigieg, Psaila and Co.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------